# IL-QRAR BĦALA FESTA

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb ta' l-Eżodu.**
**Eż 32, 7-11, 13-14**

F'dak iż-żmien: Il-Mulej qal lil Mose': "Mur u inżel għaliex tħassar il-poplu tiegħek li inti tellajt mill-Eġittu. Malajr warrbu mit-triq li jiena wrejthom: għamlu għalihom għoġol tal-metall imdewweb, niżlu wiċċhom fl-art iqimuh, u offrewlu sagirifiċċji u qalu, 'Dawn huma l-allat tiegħek, Israel, li tellgħuk mill-art ta' l-Eġittu.''
U l-Mulej issokta jgħid lil Mose': "Jiena ħarist lejn dan il-poplu, u rajt li hu poplu ta' ras iebsa. Ħallini waħdi, issa, ħalli nixgħel il-għadab tiegħi għalihom u neqridhom. U lilek nagħmlek ġens kbir.''
Mose' mbagħad talab bil-ħniena quddiem il-Mulej Alla tiegħu u qal: "Għaliex, Mulej, jixgħel il-għadab tiegħek għall-poplu tiegħek li int b'ħila kbira u b'id qawwija, ħriġtu mill-art ta' l-Eġittu? Ftakar f'Abraham, f'Iżakk, u f'Israel, il-qaddejja tiegħek, li int ħliftilhom bik innifsek u għedtilhom, ''Inkattar in-nisel tagħkom bħall-kwiekeb tas-sema, u din l-art kollha, li jien wegħidt, nagħtiha lil nisilkom bħala wirt għal dejjem.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 50**
**Inqum u mmur għand missieri.**

Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek,
fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti.
Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi,
naddafni mid-dnub tiegħi.

**R/. Inqum u mmur għand missier.**

Oħloq fija, o Alla, qalb safja
ġedded ġewwa fija ruħ sewwa.
La twarrabnix minn quddiemek,
u tneħħix minni l-ispirtu qaddis tiegħek.

**R/. Inqum u mmur għand missier.**

Mulej, iftaħli xofftejja,
u fommi jxandar it-tifħir tiegħek.
Is-sagrifiċċju tiegħi, o Alla, hu ruħ niedma;
Qalb niedma u sogħbiena int ma twarrabhiex, o Alla.

**R/. Inqum u mmur għand missier.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lil Timotju**
**1 Tim 1, 12-17**

Niżżi ħajr lil Kristu Ġesu' Sidna, li tani l-qawwa għal dan ix-xogħol, u li deherlu li kien jistħoqqli nkun imqiegħed għax-xogħol tal-qadi tiegħu, jien, li qabel kont inkasbru, inħabbtu u nżebilħu. Iżda sibt il-ħniena, għax dak li għamilt għamiltu bla ma kont naf, billi kont għadni ma nemminx; anzi lili l-grazzja ta' Sidna ġiet mogħtija bil-kotra, flimkien mal-fidi u ma' l-imħabba, li hi fi Kristu Ġesu'.
Din hija kelma ta' min jemminha u jilqagħha għal kollox: li Kristu Ġesu' ġie fid-dinja biex isalva l-midinbin; u fosthom, jien l-ewwel wieħed. Iżda jien minħabba f'hekk sibt il-ħniena, biex fija bħala l-ewwel wieħed, Kristu Ġesu' jagħmel wirja tas-sabar kollu tiegħu, b'eżempju għal dawk li kienu għad iridu jemmnu fih biex ikollhom il-ħajja ta' dejjem.
Lis-Sultan ta' dejjem, li ma jmutx u li ma jidhirx, li hu waħdu Alla, ġieh u sebħ għal dejjem ta' dejjem! Amen.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Missier Sidna Ġesu' Kristu
idawlilna l-għajnejn ta' qalbna,
biex nagħarfu x'inhi t-tama tas-sejħa tagħna.
**Hallelujah.**

**L-EVANĠELJU**
**(Is-silta bejn il-parentesi tista' ma tinqarax.)**
**` Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.**
**Lq 15, 1-32**

F'dak iż-żmien: Il-publikani u l-midinbin kienu qegħdin jersqu lejn Ġesu' bi ħgarhom biex jisimgħuh. U kemm il-Fariżej kif ukoll il-kittieba kienu jgemgmu u jgħidu: "Dan! Nies midinba jilqa' għandu! Magħhom jiekol!'' U Ġesu' qabad u qalilhom din il-parabbola: "Min hu dak fostkom li jkollu mitt nagħġa u jitlef waħda minnhom, u ma jħallix id-disgħa u disgħin l-oħra fid-deżert biex imur wara l-mitlufa sa ma jsibha? U meta jsibha, jifraħ biha u jerfagħha fuq spallejh, imur id-dar, isejjaħ għandu 'l ħbiebu u 'l ġirien, u jgħidilhom, 'Ifirħu miegħi, għax sibt in-nagħġa li kienet intilfitli.' Ngħidilkom li l-istess jiġri fis-smewwiet: ikun hemm aktar ferħ għal midneb wieħed li jindem milli għal disgħa u disgħin bniedem tajjeb li ma jkollhomx bżonn indiema. Jew min hi dik il-mara li jkollha għaxar drakmiet u titlef waħda minnhom, sejra ma tixgħelx il-musbieħ u tiknes id-dar, u tibqa' tfittex bil-għaqal sa ma ssibha! U meta ssibha, issejjaħ għandha 'l ħbiebha u 'l ġirien, u tgħidilhom: 'Ifirħu miegħi, għax sibt id-drakma li kienet intilfitli.' Ngħidilkom jien li l-istess ferħ ikun hemm fost l-anġli ta' Alla għal midneb wieħed li jindem.''
(Qalilhom ukoll: "Kien hemm raġel li kellu żewġ ulied. U ż-żgħir qal lil missieru, 'Missier, agħtini s-sehem li jmiss lili mill-ġid.' U dak qassmilhom il-ġid. Ma kenux għaddew wisq ġranet, meta ż-żgħir sarr kollox u telaq minn beltu lejn pajjiż imbiegħed u hemmhekk berbaq ġidu kollu f'ħajja mtajra. Meta ħela kull ma kellu, fuq

dak il-pajjiż waqa' ġuħ kbir, u hu beda jħoss ruħu fil-bżonn. U mar daħal ma wieħed minn dak il-pajjiż, li bagħtu fir-raba' tiegħu jirgħa l-qżieqeż. Kien jixtieq ħafna kieku jimla żaqqu mqar bil-ħarrub li kienu jieklu l-qżieqeż, imma ħadd ma kien jagħtih. Imbagħad daħal fih innifsu u qal, "Kemm lavranti ma' missieri għandhom ħobż bix-xaba', u jien qiegħed hawn ninqered bil-ġuħ! Ħa nqum u mmur għand missieri, ngħidlu, "Missier, dnibt kontra s-sema u quddiemek. Ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek: żommni b'wieħed mil-lavranti tiegħek.'' Qam, u telaq għal għand missieru. Iżda kif kien għadu fil-bogħod, missieru lemħu u tħassru, u b'ġirja waħda mar inxteħet fuq għonqu u mlieh bil-bews. 'Missier,' qallu ibnu, 'dnibt kontra s-sema u quddiemek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek.'
Iżda l-missier qal lill-qaddejja tiegħu. 'Isaw! Ġibulu l-isbaħ libsa u xidduhielu, libbsulu ċ-ċurkett f'sebgħu u s-sandli f'riġlejh! Ġibu l-għoġol l-imsemmen u oqtluh, ħa nieklu u nagħmlu festa, għax dan ibni kien mejjet u rega' qam, kien mitluf u nstab!' U bdew jagħmlu festa.
Mela ibnu l-kbir kien il-għalqa. Huwa u rieġa' lura, kif wasal qrib id-dar sema' daqq u żfin. Sejjaħ wieħed mill-qaddejja u staqsieh dan x'kien. 'Hawn ħuk,' qallu dak, 'u missierek qatillu l-għoġol l-imsemmen, għax reġa' għandu qawwi u sħiħ.' Hu nkorla, u ma riedx jidħol ġewwa, iżda missieru ħareġ jitolbu. 'Ara,' qal lil missieru, 'ili dawn is-snin kollha naqdik, kelmtek ma ksirthielek qatt, u kieku qatt tajtni gidi lili biex nagħmel ikla u nifraħ ma' ħbiebi! Imbagħad jiġi dan ibnek, li belagħlek ġidek man-nisa tat-triq, u lilu toqtollu l-għoġol l-imsemmen!' 'Ibni' qallu missieru, 'inti dejjem miegħi, u kull ma hu tiegħi huwa tiegħek. Imma kien meħtieġ li nagħmlu festa u nifirħu, għax dan ħuk kien mejjet u reġa' qam, kien mitluf u nstab.'')

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**